# LEĦEN IL-PARROĊĊA
## TA' SAN ĠILJAN
*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 30 MARZU, 1969


## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

### IL-BULETTINI

Min dejjem kienet id-drawwa hawn Malta li meta nagħmlu t-tqarbina tal-Għid, li għalinha bħala insara aħna obbligati minn preċett tal-Knisja, nibdlu l-bulettin. Din id-drawwa, bħal kull ħaġa oħra fid-dinja għandha l-vantaġġi u l-isvantaġġi tagħha. Hemm min jaħseb li għandha tibqa għax tagħti okkażjoni lill-kappillan li almenu darba fis-sena jinvista l-familji tal-parroċċa tiegħu. Barra minn hekk x'uħud forsi jħossuhom inbuttati biex jitqarbnu għax iridu jibdlu l-bulettin.

Però għalkemm hija ħaġa tajba u meħtieġa li l-kappillan jinvista l-familji tiegħu, m'hemmx bżonn tkun l-okkażjoni tal-bulettin li fiha dan jista' jsir. Barra minn hekk illum hija l-policy tal-Knisja li tiżvilluppa aktar is-sens ta' responsabilta fl-insara tagħha, u tħajjarhom aktar biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom imbuttati aktar minn konvinzjoni personali milli minn pressjoni esterna.

Dawn ir-raġunamenti, wara ħafna ħsieb u konsultazzjoni, wassluni għad-deċisjoni li dis-sena ma nqassamx il-bulettini tas-soltu. Dan ma jfissirx li l-obbligu tat-tqarbina fis-sena fi żmien il-Għid spiċċa. Kulħadd għadu obbligat li jitqarben *almenu* darba fis-sena mir-raba' Ħadd tar-Randan sal-festa tat-Trinità Mqaddsa. Imma dis-sena mhux sa jkun hemm il-bulettin x'jimbotta. Kulħadd huwa afdat fir-responsabiltà tiegħu. Dan kollu qiegħed isir bħala prova.

Barra minn hekk biex il-viżta li kont nagħmel fil-familji ma tinqatax anzi ssir aħjar iddeċidejt li tlett darbiet fil-ġimgħa, it-Tnejn, l-Erba' u l-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sat 8.00 p.m. noħroġ nagħmel żjajjar lill-famjili fid-djar. F'dan il-ħin nittama li nsib il-familja kollha fid-dar jew almenu il-maġġuranza tal-membri, mhux bħal meta kont noħroġ għal-bulettini meta kont insib id-dar l-omm u t-tfal żgħar li għandhom ma jmorrux skola.

Nisperaw li dan il-pjan ġdid jirnexxi u jkollu frott spiritwali akbar. Aħna dak li nfittxu u dak li nixtiequ nakkwistaw f'kull inizjattiva li nibdew.

Insellmilkom u nberikhom.

IL-KAPPILLAN.

## RENDIKONT ĠENERALI GĦAS-SENA 1968

Sa nagħtikom l-istampa finanzjarja tal-parroċċa tagħna matul is-sena li għaddiet 1968. Dana nagħmlu biex il-parruċċani kollha jkunu jafu x'inhi ddaħ-ħal il-parroċċa u kif qegħdin nonfqu l-flus li intom qed tikkontribwixxu. Kif ta-raw is-sena li għaddiet kienet iebsa għalina għax ħriġna £1,122. 4. 9, aktar milli daħħalna. Dan stajna nagħmluh bis-saħħa ta' dawk li silfuna £5 jew aktar mingħajr imgħax.

Għalkemm il-ġbir kien tajjeb u ta' dan inħoss li għandi għal darb'oħra nir-ringrazzjakom, però għad iridu jgħaddi ftit snin mhux ħażin biex inħallsu d-dejn kollu li baqgħalna fuq il-knisja li jlaħħaq is-somma ta' madwar £10,000.

### DĦUL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Ġbir mill-knisja | £224 | 12. | 3. |
| 2. | Drittijiet tal-knisja minn funerali, żwiġijiet, quddies, etc. | 150 | 14. | 4. |
| 3. | Dħul minn Legati u Fondazzjonijiet | 54 | 19. | 0. |
| 4. | Offerti waqt it-tqassim tax-xema tal-Gandlora | 6 | 0. | 0. |
| 5. | Interess minn kapitali l-bank | 116 | 0. | 0. |
| 6. | Bejgħ tal-ġebel għall-knisja l-ġdida | 35 | 0. | 0. |
| 7. | Donazzjonijiet għall-knisja l-ġdida | 1675 | 18. | 9. |
| 8. | Mill-bottijiet fil-ħwienet | 198 | 5. | 4. |
| 9. | Ġbir ta' kull ġimgħa mid-djar | 306 | 8. | 8. |
| 10. | Ġabriet speċjali għall-knisja l-ġdida | 83 | 9. | 6. |
| 11. | Profitti minn Fieri, Tombli u Lotteriji | 611 | 1. | 4. |
| 12. | Profitti mill-kiri tas-St. Julian's Hall | 205 | 0. | 0. |
| 13. | Ġbir mill-kaxxa tal-ħobż ta' S. Antnin | 36 | 12. | 1. |
| 14. | Kera minn dar f'Imrabat Road | 60 | 0. | 0. |
| 15. | Ġbir għall-festa ta' San Ġiljan | 585 | 6. | 7. |
| 16. | Qliegħ mill-Fiera tal-Milied | 155 | 9. | 2. |
| 17. | Ġbir għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesù | 11 | 11. | 4. |
| | Ġbir Totali | £6540 | 8. | 11. |

### ĦRUĠ

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Ħlas għas-Servizzi fil-knisja | £736 | 1. | 0. |
| 2. | Ilma u dawl fil-knisja u St. Julian's Hall | 113 | 1. | 10. |
| 3. | Ostji | 35 | 11. | 0. |
| 4. | Xemgħa u Inbid tal-Quddiesa | 75 | 10. | 0. |
| 5. | Drittijiet lill-opri Djoċesani | 16 | 7. | 0. |
| 6. | Spejjeż għall-manutenzjoni tal-knisja | 132 | 11. | 0. |
| 7. | Għajnuna lill-foqra u lill-familji fil-bżonn | 58 | 5. | 0. |
| 8. | Ċens fuq l-art tal-knisja l-ġdida | 5 | 11. | 0. |
| 9. | Ħlas lill-kuntrattur tal-knisja l-ġdida | 1000 | 0. | 0. |
| 10. | Xogħol ta' irħam fil-knisja l-ġdida | 2500 | 0. | 0. |
| 11. | Xogħol tal-bankijiet fil-knisja l-ġdida | 1630 | 0. | 0. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. | Xogħlijiet oħra u ħlas arretrat fuq oġġetti | 1770 | 12. | 6. |
| 13. | Spejjeż għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa S. Ġiljan | 577 | 10. | 11. |
| 14. | Spejjeż għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù | 11 | 11. | 7. |
| | | £7662 | 13. | 8. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħruġ Totali | £7662 | 13. | 8. |
| Dħul Totali | £6540 | 8. | 11. |
| | £1122 | 4. | 9. |

## L-EŻERĊIZZI FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

*Għax-Xebbiet:* Mit-Tnejn, 24 ta' Marzu sas-Sibt, 30 ta' Marzu. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara Priedka mir-Rev. A. Ballucci O. Carm.

*Għan-Nisa*: Mill-Ħadd, 9 ta' Marzu, sal-Ħadd, 16 ta' Marzu. Fit-2.45 p.m. Rużarju u wara Priedka minn Dun Mattew Magro.

*Għall-Guvintur:* Mit-Tnejn, 10 ta' Marzu, sas-Sibt, 15 ta' Marzu. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara Priedka minn Dun Peter Xuereb.

*Għall-Irġiel:* Mit-Tnejn, 17 ta' Marzu, sal-Ħadd, 23 ta' Marzu. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara Priedka mir-Rev. Patri Cristiano Cini O.S.A.

L-Eserċizzi huwa żmien li fih nisimgħu u naħsbu ftit bis-serjeta fuq il-ħwejjeġ tar-ruħ. Ma nitraskurawx din l-okkażjoni sabiħa li fiha niltaqgħu ma' Alla.

## ILFESTI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

*Il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu:* 6.00 p.m. Purċissjoni bl-istatwa devota tad-Duluri u wara Quddiesa.

*Ħadd il-Palm, 30 ta, Marzu:* 8.30 a.m. Funzjoni tat-Tberik tal-Palm fuq iz-zuntier tal-knisja l-qadima. Purċissjoni għall-knisja l-ġdida u fil-9.00 a.m. Quddiesa Kantata.

3.00 p.m. Via Sagra fil-beraħ. Nitilqu mill-knisja l-ġdida.

*L-Erbgħa, 2 ta' April:* 6.30 p.m. Priedka tal-Passjoni, Via Sagra u Barka bil-Veru Linju.

*Ħamis ix-Xirka, 3 ta' April:* 4.30 p.m. Quddiesa letta. 6.30 p.m. Konċelebrazzjoni solenni li fiha ssir il-funzjoni tal-ħasil tar-riġlejn. Wara jsiru l-Viżti tas-Sepulkru.

10.00 p.m. Ora Santa solenni quddiem is-Sepulkru

*N.B.* Ħinijiet tal-Qrar għal-lum:

Mis-6.00 a.m. sat-8.30 a.m.

Mill-4.00 p.m. sas-6.15 p.m.

*Kulħadd għandu jfittex li jqerr f'dawn il-ħinijiet għax waqt il-funzjoni ma jkunx hemm qrar.*

*Il-Ġimgħa l-Kbira, 4 ta' April:* Filgħodu jistgħu jsiru l-viżti tas-Sepulkru. 3.00 p.m. Azzjoni Liturġika li fiha ssir l-Adorazzjoni tas-Salib. Isir ukoll it-Tqarbin.

*Sibt il-Għid, 5 ta' April*: 10.30 p.m. Funzjoni tat-Tberik tan-Nar il-ġdid, tal-Blandun u tal-Ilma tal-Magħmudija. 12.00 p.m. Konċelebrazzjoni solenni.

*Ħadd il-Għid, 6 ta' April:* 8.00 a.m. Quddiesa Kantata.

*Il-Ħadd, 13 ta' April:* Ikollna l-Vjatku tal-Morda.

## AZZJONI KATTOLIKA TAN-NISA

Nixtiequ ngħarrfu li ċ-Ċirkolu "Santa Franġeska Romana" ta' l-Azzjoni Kattolika tan-Nisa qed jagħmel il-laqgħat fis-Sala Parrokjali ħdejn il-knisja l-ġdida, kull nhar ta' Erbgħa fil-5.15 p.m. Il-laqgħa tieħu biss tliet kwarti ta' siegħa. L-Assistent Ekklesjastiku huwar-Rev. Dun Fortunat Axiaq.

Inħajru għlhekk lin-nisa kollha jidħlu f'din l-għaqda.

Il-Konċilju Vatikan II jgħallimna li kull nisrani hu b'xi mod saċerdot, appostlu u profeta. Għalhekk kull nisrani għandu jieħu parti f'xi xogħol li jiswa għall-glorja t'Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ. Fl-Azzjoni Kattolika hemm xogħol għal kulħadd.

IL-PRESIDENT PARROKKJALI

## RIŻULTAT TAL-LOTTERIJI

1. **Makna tal-ħjata** — No 1125: Mr. C. Aquilina, Mrs. Mary Delia, 64, Church Street, Zabbar.
2. **Christmas Hamper** — No. 0376: Mr. Tony Sammut, 11, Carmel Street, St. Julian's.
3. **Set tat-Twaletta** — No. 0815: Mrs. M. Naizer, 56, Grenfell Str., St. Julian's.

## IĊ-ĊEDOLI TAL-£5 SELF

Fl-aħħar tas-sena tellajna għaxar ċedoli biex nagħtu lura lil sjiedhom il-£5 li kienu silfuna s-sena l-oħra. In-numri taċ-ċedoli li telgħu bil- polza huma dawn: E 025, E 059, B 021, C 035, D 083, E 032, G 082, G 088. Dawk interessati ġew kuntattjati individwalment. Jiena nirringrazzjahom kollha, kemm lil dawk li ħaduhom lura, kemm lil dawk li reġgħu silfuhomlna u kemm lil dawk li tawhomlna.

Jekk hawn min jista' jislifna xi £5 mingħajr imgħax għad baqgħalna ħafna bżonn. Fil-każ min jitħajjar jista' jimla l-formula ta' hawn taħt u jibgħata lill-kappillan, u aħna nieħdu ħsieb nikkuntattjaw lil min ikun konċernat.

**Nixtieq nislef £5 mingħajr imgħax biex jitkompla x-xogħol fil-knisja ta' San Ġiljan.**

**Isem u Kunjom** ..........................................................................

**Indirizz** ..........................................................................